**IL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI ISTRUTTORJA**
**(Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjħa l-Qorti Rimandanti)**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**
**-vs-**
**Petro PALAMAR, magħruf ukoll bħala Giorgi TUGHUSHI, detentur tal-Passaport Ukren numru FL242040 u tal-liċenzja tas-sewqan Ukrena numru BXP 685212,**

Illum 24 ta' Lulju, 2023

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil **Petro PALAMAR, imwieled l-Ukrajna, nhar id-9 ta' Mejju, 1988, detentur tal-Passaport Ukren numru FL242040 u tal-liċenzja tas-sewqan Ukrena numru BXP 685212, magħruf ukoll bħala Giorgi TUGHUSHI, imwieled il-Georgia, nhar is-16 ta' Settembru, 1987,** aktar il-quddiem imsejjaħ 'l-estradant';

Wara li rat is-*Schengen Information System Alert* datat is-6 ta' Marzu, 2023,[1] kif ukoll il-ħruġ tal- Mandati t'Arrest Ewropej datati t-13 ta' Frar, 2023,[2] maħruġin mill-Procura della Repubblica Presso Il Tribunale di Torino, fl-Italja, pajjiż skedat a tenur tar-Regolament 5 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Liġi Sussidjarja 276.05 (Avviż Legali 320 ta' l-2004), aktar il-quddiem imsejjaħ 'l-Ordni';

---

[1] **Dok.RS** a fol.8-9 u Forms A: **Dok.RS1** a fol.9-10; **Dok.RS2** a fol 45-47 u **Dok.RS3** a fol.98-99
[2] Fol.11 et seq; Fol.48 *tergo*-61 *tergo;* Fol.100 *tergo*-108 *tergo*

Wara li rat iċ-ċertifikati tal-Avukat Ġenerali datati t-3 ta' Lulju, 2023 ai termini tar-Regolament 7 tal-Ordni;[3]

Wara li rat il-verbali ta' din il-Qorti, anke kif diversament preseduta, tat-18 ta' Lulju, 2023 u tal-24 ta' Lulju, 2023;

Wara li fis-seduta tal-24 ta' Lulju, 2023, semgħet lill-estradant jiddikjara li qed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex jintbagħat lura l-Italja w li mhux qed jirrinunzja għad-dritt ta' speċjalità konċess ai termini tar-Regolament 18 ta' l-Ordni fuq imsemmi;

Wara li spjegat lill-estradant l-import tar-Regolament 43 ta' l-Ordni, u ġie assigurat li d-dispożizzjonijiet tal-istess artikolu ġew osservati u miftehma mill-estradant;

Wara li rat l-Artikolu 15(5) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta, kif reż applikabbli bir-Regolament 44 ta' l-Ordni;

Għaldaqstant,

Ai termini tar-Regolament 44 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviż Legali 320 ta' l-2004 (Liġi Sussidjarja 276.05), **tordna it-treġġigħ lura tal-estradat lejn l-Italja, il-pajjiż skedat fejn inħarġu l-Mandati t'Arrest Ewropej,**

Iżda tenut kont li l-estradat preżentement jinsab fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin fejn qed jiskonta sentenza ta' priġunerija fuq reat mhux ibbażati fuq l-atti li dwarhom inħarġu l-Mandati t'Arrest Ewropej, ai termini tar-Regolament 28A(3)(a) tal-Ordni,

**Tipposponi l-konsenja** tiegħu lejn l-Italja sakemm l-estradat ikun skonta is-sentenza imposta fuqu.

**MAĠISTRAT**

[3] Fol.43-44; Fol.96-97; fol.112-113